# IL-ĦOLMA TWETTQET

Ili mill-1919 nikteb u nlablab li hemm bżonn nagħmlu xi ħaġa għal-lsien Malti. Fl-aħħar kollox wasal! Il-grammâtka maltija ġâ rat id-dawl: folju ġdid tal-malti letterarju sejjer jibda jmexxi ħsibijietu ma' dawk ta' ħutu miktubin bil-lsien tal-pôplu: il-lum il-ġurnata, fil-Parlament smajniehom jitħaddtu bil-malti, u, jekk forsi dan ma tantx kien safi, ma-dan-kollu dejjem fih sura maltija. Il-ħolma tassew li twettqet! Meta, fil-«*Habib*» tal-1919 u 1920 konna nħambqu li m'hemmx nazzjon fejn ma hemmx ilsien, li hu għadu tal-pajjiż min jeħodha kontra lsienu jew iniggsu bla bżonn u għaltapposta, qatt ma konna nobsru li kellhom daqshekk nies iduru mal-għidud tagħna! Iżda l-lum il-malti għandu xejra tajba, għax il-Kittieba tiegħu qamu fuq tagħhom. Mhux forsi sewwa dana kollu? Jekk il-malti ma kellux letteratura, agħmlu l-qalb u ibdew iktbuhielu! Flok tmaqdruh u bih tiddieħku, u tagħmluh bħal ilsien li bih għandek tisthi, aħdmuh, daħħlu kliemu fin-nar, naddfuh, tuh il-lewn u s sura tad-deheb, użawh fil-prosa u l-poëżija u tgħidux li barra minn Malta xejn ma jiswielkhom! Ma tafux, mela, x'hena ħassew ħutkhom, meta, ġewwa l-Amêrka, l-Awstralja, fl-Eġittu, fil-pajjiżi ta' barra, flimkien iltaqgħu u *bih*, bih biss tħaddtu, u, minnħabba fih, ftakru f'Malta l-ħanina, f'nieshom, fi ħbiebhom, fiż-żmien li kienet tilqagħhom ġo ħdanha din artna? Ma għandux letteratura l-malti! Jien minngħalija, xi poeżiji, xi rumanzi,xi prosa miktubin bi lsienna jogħġbuni, daqskemm jistgħu jogħġbu lit-taljani l-kotba bit-taljan.

Dejjem hekk kien! Orjentalisti famużi faħħru ilsienna, studjawh, kitbu fuqu, bih stagħġbu, u aħna nmaqdruh! Tridu jiġrilna bħal dik il-ħamiema tal-ħrafa, li, darba stħat tibqa' tgħix ma' sħabha, u għalhekk, libset rix il-pagun u telqet biex tgħix mal-paguni, li ddieħku biha u keċċewha, u ġiet ukoll imkeċċija minn sħabha u baqgħet għal dejjem imregħxa!

Nifhmuha tajjeb: nistudjaw u nitgħallmu ilsna barranin kemm irridu: inħobbuhom ukoll daqs tagħna, bħalma 'l għajrna għandna nħobbu bħalna nfusna: iżda qatt ma nmaqdru 'l-ilsienna, għax inkunu qegħdin niċċekknu quddiem il-barrani!

Naħdmu flimkien annuna, u, hekk, bħalma għamlu ġewwa pajjiżi oħra, aħna natu lill-ilsienna dak is-sebħ li jistħoqqlu, biex dejjem iżjed tiġi mwettqa il-ħolma ta' dawk kollha, li jħobbu tassew lil Malta u dak kollu li hu *biss* u *tassew* tagħha.

**P.**